# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 131/2020 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**SPB**

**Vs**

**SB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' SPB, datat 15 ta' Mejju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar id-dsatax ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (19.05.2006) ara dok PB 1;*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal u ċioe A li twieldet f'X u B li twieldet f'Y;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana tat-tnejn ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (02.10.2013)) ara dok PB 2;*

4. *Illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni, ġie maqbul li l-minuri jirrisjedu mal-intimata l-omm u r-rikorrenti obbliga ruħu li jħallas manteniment għall-istess minuri;*

5. *Illi fis-sajf tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-minuri marru jirrisjedu mal-missier kif anke ġie dikjarat fir-rikors tat-13 ta' Settembru 2017, preżentat fl-atti ta' medjazzjoni permezz ta' liema l-esponenti talab lill-Onorabbli Qorti sabiex:*

i. *Jiġi fdat bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri b'aċċess favur l-omm*
ii. *Tordna lill-intimata l-omm sabiex tivversa retta alimentarja għaż-żewġ minuri*
iii. *Tordna lill-intimata sabiex tħallas nofs l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri*
iv. *Tordna lill-intimata sabiex tħallas l-manteniment u l-ispejjeż kull 4 xhur*
v. *Tordna li c-children's allowance pagabbli mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali u kwalsiasi benefiċċju ieħor jitħallas direttament lill-esponenti l-missier.*

6. *Illi permezz ta' digriet tat-30 ta' Ottubru 2017 li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok PB 3, l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat li l-kura kustodja taż-żewġ minuri tkun waħda konġunta filwaqt li ordnat li l-minuri jirrisjedu mal-missier b'aċċess liberu versu l-intimata l-Omm.*

7. *Illi f'dak l-istadju u minħabba l-fatt li l-Qorti nnotat li l-intimata Omm kellha tarbija u kienet qiegħda tgħix bl-għajnuna soċjali, ċaħdet talba għall-manteniment u għalhekk sa' llum ma hemm ebda manteniment dovut u għalhekk ma hemmx arretrati, kif jirriżulta mill-istess digriet.*

8. *Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-tnejn ta' Ottubru tas-sela elfejn u tlettax (02.10.2013) in forza ta' kuntratt redatt min Nutar Sylvana Borg Caruana (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala Dok PB 2)*
   ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qiegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*
   iii. *Illi ma hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment;*

9. *Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bħala dok PB 4.*

10. *Illi għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1) (a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma*

*domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta;*

*GĦALDAQSTANT, in vista tas-suespost l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet id-dsatax ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (19.05.2006);*
*Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bl-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**SPB** xehed bl-affidavit (Dok PB4, fol 18) illi huwa iżżewweġ lil SB fid-19 ta' Mejju 2006 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana tat-Tnejn 12 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013). Illi l-ftehim oriġinali kien li martu tiġi fdata bil-kura u bil-kustodja tat-tfal, u huwa jħallas manteniment għalihom, pero sussegwentament fis-sena 2017 il-minuri marru jirrisjedu miegħu u l-attur talab, fost l-oħrajn, li l-konvenuta tiġi ordnata tħallas manteniment għat-tfal. Permezz ta' digriet tat-30 ta' Ottubru 2017 Dok PB 3, fol 16, l-Qorti ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun waħda konġunta u li l-minuri jirrisjedu mal-missier b'aċċess liberu versu l-intimata Omm. Dik il-Qorti kienet ċaħdet it-talba tal-missier għall-manteniment peress li l-Qorti innotat li l-intimata kellha tarbija u kienet qiegħda tgħix bl-għajnuna soċjali, u għalhekk sa' llum ma hemm ebda manteniment dovut. Xehed ukoll illi huwa u martu jgħixu ħajja totalment separata u ma hemmx possibilita ta' rikonċiljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-19 ta' Mejju 2006 (dok PB1, fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġ ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana, datat 2 ta' Ottubru 2013 (vide Dok. PB fol 5 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx għaliex wara l-varjazzjoni tal-kura u kustodja ebda manteniment ma gie ordnat;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**